MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru. 1100/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**JOANNE MUSCAT MONSIGNEUR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joanne Muscat Monsigneur ta’ 43 sena, bint Carmel Monsigneur u Jane nee’ Cassar, imwielda Msida nhar il-15 ta’ April 1965, residenti fil- fond Flat 2, ‘Eddie’, Triq il-Gzira, Gzira, u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 210065(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f'dawn il- Gzejjer nhar it- 8 ta' Novembru 2008, ghal habta tas- 5.50hrs, gewwa l- Bajja ta' San Gorg, San Giljan, u/jew fil- vicinanzi:

1) Attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 1492 J.Pace, PS 928 R. Mifsud Grech u PC 834 Johan Vella, persuni inkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skond il- Ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Ingurjat, u heddedt lil PS 1492 J.Pace, PS 928 R. Mifsud Grech, u PC 834 J.Vella, persuni inkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is- servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz, u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe vettura tal- Pulizija bin- numru tar- registrazzjoni GVP 515 tal- ghamla Ford u two way radio, liema hsara tiskorri €116.47 (Lm50) izda li ma tiskorrix l- € 1164.70 (Lm 500), ghad- dannu tal- Kummisarju tal- Pulizija u l- Gvern ta' Malta, u dan bi ksur ta' Artikolu 325 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Volontarjament kisret il- bon ordni jew il- kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Ma obditx l- ordnijiet legittimi tal- Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallitx jew fixklithom waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd indahlet fi dmirijiethom billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il- ligi , jew b'xi mod iehor, u

dan bi ksur tal- Artikolu 338 (ee) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

6) Pejpet sigarett jew tabakk f’post pubbliku jew post espost ghal pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skon il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni taghha;

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni bikrija l-Qorti ai termini tal-Ligi tista’ tghaddi biex minnufih tippronunzja s-sentenza. Fit-trattazzjoni dwar il-piena gie rilevat illi l-imputata tinhtieg sorveljanza stretta fil-hajja taghha, flimkien ma’ assistenza adegwata. Il-Qorti tara li l-imputata m’hix ser tibbenefika minn sentenza ta’ prigunerija, u ghalhekk ghal fini ta’ piena sejra taghtiha ordni fil-komunita’ ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 96, 95, 325, 338 (dd), u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Ghar-rigward tas-sitt imputazzjoni l- Qorti tikkundannaha multa ta’ mitejn u tlieta u tletin Ewro (€ 233);

Inoltre tordna lill-imputata thallas is-somma ta’ mija u sebghin Ewro (€170) lill- Kummissarju tal- Pulizija ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------